MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 34/2022 LM

**Joseph Gatt (K.I. 424369M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Steward Malta Personnel Limited (C 81862) u b'digriet [recte] tas-17 ta' Frar, 2022 għandu jiġi sostitwit għal Steward Malta Management Ltd (C 70624)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà **Steward Malta Management Limited (C 70624)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] fil-konfront tar-rikorrent **Joseph Gatt (K.I. 424369M)** [hawnhekk 'l-appellat'], mid-deċiżjoni preliminari mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-

Tribunal’], tas-7 ta’ April, 2022, fejn it-Tribunal ma laqax l-eċċezzjoni tad-dekadenza sollevata mis-soċjetà intimata, li argumentat li hija ntalbet tipparteċipa fil-proċeduri quddiem it-Tribunal wara li kien għadda t-terminu ta’ dekadenza impost bil-liġi.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fejn spjega li huwa kien impjegat bħala *chauffeur/transport assistant* mas-soċjetà intimata fl-1 ta’ Ottubru, 2018, u l-perijodu tal-*probation* kien lest fl-1 ta’ April, 2019. Spjega li mill-ewwel laqgħa li huwa kellu ma’ esponenti tas-soċjetà intimata, huwa kien ċar dwar il-liċenzji li għandu fil-pussess tiegħu (*Licence B* u *Driver’s Tag),* liema liċenzji jawtorizzawh isuq vetturi maħsuba għat-trasport ta’ tmien passiġġieri, bix-xufier inkluż. Qal li huwa informa lill-kumpannija intimata x’liċenzji kellu, u ġie impjegat magħha, u minn meta ġie impjegat sa Marzu tal-2020, huwa dejjem mexa mal-istruzzjonijiet li ngħata mis-superjuri tiegħu. Qal li f’Marzu tal-2020, huwa ġie mitlub jagħmel il-kors għal-liċenzji D u D1, u spjega li sabiex jagħmel dan il-kors huwa kellu bżonn l-assistenza ta’ *tutor* għaliex parti mill-eżami kienet tirrikjedi l-kitba. Sussegwentement, fid-19 ta’ Frar, 2021, huwa ġie infurmat li kienu ser jittieħdu proċeduri dixxiplinarji kontra tiegħu, u dan wara li fl-4 ta’ Frar, 2021, huwa kien intalab ma jmurx għax-xogħol. Qal li dakinhar stess li huwa ġie infurmat bin-*Notice of Charge* mis-soċjetà intimata, ġie infurmat mill-Awtorità għat-Trasport f’Malta li l-Liċenzja B tiegħu kienet qegħda tiġi revokata, u għalhekk kien biss wara li nbdew il-proċeduri kontra tiegħu li

huwa ġie infurmat b'dan. Ir-rikorrent qal li l-Bord tad-Dixxiplina ħa d-deċiżjoni notifikata lilu fit-3 ta' Mejju, 2021, li kien qiegħed jiġi tterminat l-impjieg tiegħu għal raġunijiet ġusti. Qal li huwa ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk ippreżenta l-appell tiegħu *ai termini* ta' klawsola 6.4(d) tad-*Disciplinary & Grievance Policy,* fejn l-aggravji tiegħu kienu li d-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina kienet sproporzjonata, u kienet ibbażata fuq misrappreżentazzjoni ta' fatt. Qal li huwa kien għamel dak kollu li kien fil-kontroll tiegħu sabiex jikseb il-liċenzji neċessarji, u huwa kien mexa fuq l-istruzzjonijiet li ngħataw mis-superjuri tiegħu. Qal li kien jinkombi fuq l-imgħallmin tiegħu li ma jagħtux struzzjonijiet li jmorru lil hinn mil-liċenzji li għandhom l-impjegati tagħhom, u żied jgħid li huwa sar jaf bit-teħid tal-*License B* minn Transport Malta wara li kienu bdew il-proċeduri dixxiplinarji kontrieh mis-soċjetà intimata. Qal ukoll li s-sewqan kien biss wieħed minn tmien rwoli li huwa kellu mas-soċjetà intimata, u għalhekk huwa seta' jkompli jaħdem bħala *chauffeur assistant* sakemm jikseb il-liċenzji neċessarji. Qal ukoll li huwa għamel li seta' sabiex dawn l-argumenti jinstemgħu waqt l-appell li sar fi ħdan is-soċjetà intimata stess, iżda kien diffiċli għalih li jikkonvinċi lill-istess nies li riedu jkeċċuh mill-impjieg. Qal li għalhekk huwa eżawrixxa r-rimedji kollha li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu. Ir-rikorrent qal li s-soċjetà intimata aġixxiet bi ksur tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tiegħu, u żied jgħid li huwa ma kellu l-ebda għażla għajr li jipproċedi kontra l-istess kumpannija sabiex jittutela d-drittijiet tiegħu.

## Mertu

3. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent talab li jiġi ddikjarat li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata ġie tterminat inġustament, li jitqiegħed fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu mas-soċjetà intimata, li tiġi likwidata l-paga dovuta lilu, inklużi l-*bonuses* relattivi, u dan b'effett mid-data tat-terminazzjoni inġusta *ai termini* tal-artikolu 36(11) u l-artikolu 36(14) tal-Kap. 452. Ir-rikorrent talab ukoll il-likwidazzjoni tal-kumpens f'somma meqjusa xierqa u adattata fiċ-ċirkostanzi għat-tkeċċija inġusta sofferta minnu, u talab lit-Tribunal jordna lis-soċjetà intimata tħallsu dawk l-ammonti hekk likwidati.

4. Ir-rikorrent ippreżenta kopja tan-*Notice of Charge* li ntbagħtet lilu mis-soċjetà intimata fid-19 ta' Frar, 2021, fejn huwa ġie akkużat li kien qiegħed jopera l-vetturi tal-kumpannija mingħajr liċenzja għaliex ma kienx fil-pussess ta' *License B* valida. Ġiet ippreżentata wkoll kopja tal-ittra tad-19 ta' April, 2021, li permezz tagħha r-rikorrent ġie nfurmat li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata kien qiegħed jiġi tterminat. Ġiet esebita wkoll kopja tad-deċiżjoni mogħtija mid-*Disciplinary Board of Appeal* fit-18 t'Awwissu, 2021, fejn ir-rikorrent ġie mgħarraf li d-deċiżjoni li huwa jitkeċċa mill-impjieg ittieħdet abbażi tal-fatt li għalkemm huwa kien ingħata żmien suffiċjenti sabiex jikseb il-liċenzji meħtieġa, huwa naqas milli jagħmel dan, kif ukoll kien hemm żmien meta huwa kien qiegħed isuq il-vetturi tal-kumpannija mingħajr ma kellu l-liċenzji meħtieġa.

5. Fid-dikjarazzjoni tal-każ tagħha, is-soċjetà Steward Malta Personnel Limited spjegat preliminarjament hija mhijiex leġittimu kontradittur għaliex ir-rikorrent ma kienx impjegat magħha, u spjegat li huwa minnu li oriġinarjament

li r-rikorrent kien impjegat magħha, u dan sa Lulju 2020, meta ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi ttrasferit għal kumpannija oħra, Steward Malta Management Limited. Ġie spjegat li din il-bidla ġiet innotifikata wkoll lill-JobsPlus, u għalhekk fid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg, ir-rikorrent ma kienx għadu impjegat tas-soċjetà intimata, u għalhekk talbet sabiex tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju.

6. Permezz ta' rikors ippreżentat mir-rikorrent fit-3 ta' Frar, 2022, ir-rikorrent talab li Steward Malta Management Limited (C 70624) tiġi kkjamata in kawża ai termini tal-artikolu 961 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz ta' digriet mogħti waqt is-seduta tas-17 ta' Frar, 2022, it-Tribunal ordna li "l-isem tas-soċjetà ntimata jiġi sostitwit bi Steward Malta Management Limited".

7. Is-soċjetà Steward Malta Management Limited, fid-dikjarazzjoni tal-każ tagħha, spjegat preliminarjament li l-azzjoni fil-konfront tagħha hija preskritta għaliex il-każ kontra tagħha tressaq wara l-perijodu ta' erba' xhur minn meta tkeċċa r-rikorrent mill-impjieg. Qalet li għalhekk il-każ huwa preskritt. Qalet ukoll li jekk it-Tribunal ma jaċċettax l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, fil-mertu jrid jingħad li r-rikorrent ġie impjegat mas-soċjetà Steward Malta Personnel Limited fl-1 ta' Ottubru, 2018 bħala *chauffeur/transport assistant.* Fl-1 ta' Lulju, 2020, l-impjieg tiegħu ġie ttrasferit mas-soċjetà Steward Malta Management Limited. Ġie spjegat li x-xogħol tar-rikorrent jinvolvi prinċipalment is-sewqan tal-vetturi tas-soċjetà intimata u ta' kumpanniji oħra fl-istess grupp, u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li r-rikorrent ikun fil-pussess ta' liċenzja tat-tip B, D u D1 maħruġa minn Transport Malta. Is-soċjetà Steward Malta Management Limited

spjegat li r-rikorrent ingħata perijodu ta' madwar ħames xhur sabiex jikseb il-liċenzji D u D1, iżda dan baqa' ma kisibx dawn il-liċenzji, u barra minn hekk irriżulta sussegwentement li r-rikorrent lanqas ma kellu liċenzja valida tat-tip B. Is-soċjetà Steward Malta Management Limited qalet li r-rikorrent kien jaf li l-liċenzja tat-tip B kienet ġiet revokata għaliex kien reġa' mar għall-eżami sabiex terġa' tinħariġlu din il-liċenzja, u kien għalhekk li nbdew proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent. Is-soċjetà Steward Malta Management Limited spjegat li f'laqgħa li saret fit-12 ta' Marzu, 2021, ġie miftiehem li r-rikorrent kellu jippreżenta kwalsiasi dokumenti sas-26 ta' Marzu, 2021, u dan qabel tittieħed deċiżjoni finali dwar il-każ tiegħu. Spjegat ukoll li wara li ġiet ippreżentata din id-dokumentazzjoni ulterjuri, hija għaddiet biex tieħu deċiżjoni finali fuq il-każ, u ħarġet l-ittra ta' terminazzjoni fid-19 ta' April, 2021. Is-soċjetà Steward Malta Management Limited spjegat li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg saret għaliex naqas milli jippreżenta l-liċenzja D u D1, kif ukoll għaliex irriżulta li huwa lanqas kellu liċenzja tat-tip B, u baqa' jsuq il-vetturi tas-soċjetà intimata bi ksur tal-liġi. Qalet li jirriżulta li r-rikorrent ma qalx il-verità kollha dwar ir-raġunijiet għalfejn huwa ma kisibx dawn il-liċenzji. Is-soċjetà Steward Malta Management Limited qalet li minkejja li r-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni tat-terminazzjoni, din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata fit-18 t'Awwissu, 2021.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

8. Permezz tad-deċiżjoni preliminari mogħtija fis-7 ta' April, 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata m'għandhiex tiġi

milqugħha, u għalhekk il-każ għandu jitkompla bħala proċess normali, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Din id-deċiżjoni preliminari tirrigwardja eċċezzjoni ta' dekadenza/preskrizzjoni min-naħa tas-soċjetà intimata preżentata lit-Tribunal fis-7 ta' Marzu, 2022.*
>
> *Is-soċjetà ddikjarat li l-każ kontriha ġie mressaq mir-rikorrent wara l-perijodu ta' erba' xhur li ġie mkeċċi li huwa l-perijodu massimu permess mil-Liġi u li allura l-każ għandu jiġi preskritt. Ir-rikorrent intavola l-każ fis-17 ta' Diċembru, 2021. Dakinhar il-każ infetaħ kontra Steward Malta Personnel Ltd., li fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2022, wara eċċezzjoni mis-soċjetà intimata li suppost il-każ infetaħ kontra Steward Malta Management Ltd, it-Tribunal iddeċieda li l-każ għandu jitkompla. It-Tribunal għaraf li f'diversi każijiet ta' transfer of business din spiss tiġri u tkun in bona fede u bla ebda motiv u l-każ jitkompla.*
>
> *It-Tribunal analizza l-fatti preżentati u jagħraf li r-rikorrent kien irċieva ittra ta' tkeċċija datata 19 ta' April, 2021, wara* notice of charge *u bord tad-dixxiplina.*
>
> *Iżda, ir-rikorrent kien appella d-deċiżjoni skont il-*grievance procedures *tas-soċjetà intimata u l-appell instema' fil-15 ta' Lulju, 2021, u fit-18 t'Awwissu, 2021 ir-rikorrent reġa' ġie infurmat bl-eżitu tal-appell li l-impjieg tiegħu ġie tterminat b'mod immedjat (Dok. SMML 9).*
>
> *Ir-rikorrent kellu dritt għall-appell u allura ma setax jintavola l-każ fit-Tribunal Industrijali qabel jiġi konkluż l-appell. It-Tribunal fil-fatt jinnota dewmien stramb mis-soċjetà intimata sabiex tisma' u tiddeċiedi fuq l-appell.*
>
> *L-appell ġie deċiż fit-18 t'Awwissu, 2021, u din hija d-data li tkkonċerna t-Tribunal bħala d-data aħħarija tat-terminazzjoni u r-rikorrent intavola l-każ fis-17 ta' Diċembru, 2021, bl-eżatt erba' xhur skont il-liġi.*
>
> *Għaldaqstant it-Tribunal qed jiddeċiedi li ma jistax jilqa' din l-eċċezzjoni miġjuba mis-soċjetà intimata u li l-każ għandu jitkompla bħala proċess normali."*

## L-Appell

9. Is-soċjetà intimata appellat minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-18 ta' April, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u

tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tas-7 ta' April, 2022 u tilqa' l-eċċezzjoni tad-dekadenza *ai termini* tal-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal Industrijali applika b'mod ħażin il-perijodu ta' dekadenza *ai termini* tal-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li mhuwiex jiġi kkontestat li d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet it-18 t'Awwissu, 2019, u għalhekk meta ir-rikorrent fetaħ il-każ fis-17 ta' Diċembru, 2019, kien għadu fil-perijodu tal-erba' xhur sabiex jiftaħ il-każ tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li però l-appellat fetaħ il-każ tiegħu kontra l-kumpannija żbaljata stante t-trasferiment tal-impjieg tiegħu, u l-appellat kien jaf b'dan it-trasferiment, tant hu hekk li kien iffirma t-*transfer letter.* Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal injora għal kollox l-argument tagħha li t-terminu ta' erba' xhur kien ilu li għadda fil-mument meta hija ġiet imsejħa fil-kawża, u għalhekk il-każ tal-appellat kellu jaqa' minħabba l-applikazzjoni tal-perijodu ta' dekadenza. L-appellanta qalet li t-Tribunal straħ biss fuq id-data tat-tkeċċija, u fuq id-data ta' meta nfetaħ il-każ, iżda injora l-punt kruċjali dwar kontra min kellu jinfetaħ il-każ. Qalet li fil-mument li nfetaħ il-każ kontra tagħha, u għalhekk hija kellha twieġeb għat-talbiet tal-appellat, tali talbiet kienu preskritti fil-konfront tagħha.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. L-appellat wieġeb li l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u sostna li s-soċjetà Steward Malta Management

Limited naqset milli tottempera ruħha mal-artikolu 231(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat qal li appell minn deċiżjoni preliminari jista' jsir biss wara li jingħata l-permess għall-appell fil-prim'istanza, u hawnhekk l-appell tas-soċjetà appellanta ġiet ntavolat fit-18 ta' April, 2022, f'data meta t-Tribunal Industrijali kien għadu ma tax tali permess. Qal li għalhekk l-appell tas-soċjetà appellanta huwa null *ai termini* tal-istess artikolu 231(1) tal-Kap. 12.

12. L-appellat qal li mingħajr preġudizzju għal dan, is-soċjetà Steward Management Limited hija meqjusa f'għajnejn il-liġi bħallikieku kienet parti mit-tilwima industrijali sa mill-bidu tagħha. Qal li wara t-talba mressqa minnu għall-kjamata fil-kawża ta' Steward Malta Management Limited *ai termini* tal-artikolu 961 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal fis-17 ta' Frar, 2022 issostitwixxa lil Steward Malta Personnel Limited għal Steward Malta Management Limited, u żied jgħid li dan huwa permissibbli. L-appellat qal li fil-fatt ma sar l-ebda appell mid-digriet tat-Tribunal li permezz tiegħu saret din is-sostituzzjoni, u lanqas ma ntalab biex isir dan minn xi waħda mis-soċjetajiet involuti. Qal li n-nuqqas ta' appell mid-digriet tas-sosituzzjoni għalhekk ifisser li s-soċjetà Steward Malta Management Limited assumiet l-atti kif inhuma, daqslikieku hija kienet mill-bidu parti fil-kawża.

13. L-appellat qal li mingħajr preġudizzju għal dan, id-differenza bejn iż-żewġ kumpanniji hija waħda kosmetika għall-aħħar, u qal li t-terminu 'prinċipal' kif definit fl-artikolu 2 tal-Kap. 452 mhux restrittiv, u għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li l-leġislatur ried jinkludi ċirkostanzi differenti u b'relazzjonijiet differenti bejn min iħaddem u min jaħdem. L-appellat qal li s-soċjetajiet

Steward Malta Personnel Limited u Steward Malta Management Limited huma konnessi, u ż-żewġ kumpanniji jiffurmaw parti minn Steward Health Care Group, kif jidher mill-ittra tal-1 ta' Lulju, 2020. L-appellat qal li ż-żewġ kumpanniji għandhom l-istess direttur, jiġifieri lil Armin Ernst, u l-uniku azzjonist fiż-żewġ kumpanniji hija s-soċjetà Steward Malta Limited (C 70456), u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-appellat baqgħu identiċi, kif jidher mill-istess ittra tal-1 ta' Lulju, 2020. L-appellat qal li għalhekk id-distinzjoni bejn iż-żewġ kumpanniji hija sfumata, u l-ittra tal-1 ta' Lulju, 2020, hija ffirmata minn Charmaine Sultana Portelli, *Director of Human Resources,* mingħajr indikazzjoni ta' f'isem minn mill-kumpanniji din kienet qegħda taġixxi. L-appellat qal li għalhekk dan l-isfumar tal-linja ta' demarkazzjoni bejn iż-żewġ kumpanniji sservi biss biex jinħonoq ir-rimedju tiegħu, u dan wara li kien hemm dewmien stramb da parti tas-soċjetà appellanta sabiex tisma' u tiddeċiedi dwar l-appell tiegħu, kif innota t-Tribunal. L-appellat qal li fi kwalunkwe każ, id-dati rilevanti huma d-data ta' meta ġew deċiż l-proċeduri ta' dixxiplina interni, u d-data meta ġiet intavolata l-kawża quddiem it-Tribunal Industrijali, jiġifieri t-18 t'Awwissu, 2021 u s-17 ta' Diċembru, 2021, u għalhekk għandu jirriżulta li l-kawża tiegħu ġiet intavolata entro t-terminu stipulat mil-liġi.

14. Permezz ta' rikors intavolat kontestwalment mar-risposta tiegħu għall-appell tas-soċjetà appellanta, l-appellat talab lil din il-Qorti tawtorizzah jippreżenta dokumenti sabiex juri kif inhi komposta l-istruttura taż-żewġ kumpanniji Steward Malta Personnel Limited u Steward Malta Management Limited. Il-Qorti ċaħdet din it-talba wara li kkonsidrat li l-appellat kellu kull

opportunità li jressaq tali prova quddiem it-Tribunal Industrijali, iżda naqas milli jagħmel dan.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet tal-appellat, imma qabel tagħmel dan, il-Qorti trid tagħmel xi osservazzjonijiet fir-rigward tal-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell sollevata mill-appellat. L-appellat jsostni li r-rikors tal-appell huwa null għaliex is-soċjetà appellanta naqset mill tosserva d-disposizzjonijiet tal-artikolu 231(1) tal-Kap. 12 qabel intavolat l-appell tagħha. Mill-provi jirriżulta li fl-istess ġurnata meta ġie intavolat dan l-appell, jiġifieri fit-18 ta' April, 2022, s-soċjetà appellanta talbet permess lit-Tribunal sabiex tintavola dan l-appell, u dan il-permess ingħata fil-25 ta' April, 2022.

16. L-artikolu 231(1) tal-Kap. 12 jistipula illi:

> "(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:
>
> Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi preżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ."

17. Is-soċjetà appellanta ma talbitx permess sabiex tappella mid-deċiżjoni parzjali tat-Tribunal dakinhar stess li ngħatat id-deċiżjoni parzjali, imma għamlet dan ħdax-il ġurnata wara li ngħatat l-imsemmija sentenza parzjali mit-Tribunal, iġifieri fit-18 ta' April, 2022. Jirriżulta wkoll li s-soċjetà appellanta intavolat ir-rikors tal-appell tagħha qabel talbet permess lit-Tribunal biex tagħmel dan, u ġie spjegat li dan sar sabiex jiġi evitat li jgħaddi inutilment il-perijodu ta' dekadenza għall-preżentata ta' dan l-appell. Iżda l-ġustifikazzjoni mogħtija mis-soċjetà appellanta mhijiex ibbażata fil-liġi, għaliex fil-fatt l-istess artikolu tal-liġi jipprovdi li t-terminu biex jiġi ppreżentat l-appell jibda jiddekorri mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ. Huma diversi s-sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna fejn ġie stabbilit li jekk ma jintalabx permess lill-qorti jew tribunal li jkun ta s-sentenza *in parte*, l-appell intavolat jitqies li huwa proċeduralment null u bla effett. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Vella noe *vs.* Perit Norbert Attard**[1], kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Raymond Sammut *vs.* Anthony Micallef**.[2] Il-Qorti tagħmel ukoll riferiment għall-osservazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Karmenu Mifsud *vs.* Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et**[3]:

> *"Illi l-liġi tagħmilha ċara li kull appell minn sentenzi separati mogħtija minn xi qorti qabel l-għoti tas-sentenza aħħarija jista' jsir biss bil-permess tal-qorti li tkun tathom, kemm jekk dan jingħata bil-miftuħ jew imqar fuq talba li ssirilha b'rikors imressaq fi żmien sitt ijiem mill-qari ta' dik is-sentenza. Il-kliem tal-liġi huwa tassattiv u kull appell*

[1] 21.06.2004.
[2] 20.01.2009.
[3] 07.01.2020.

> *li jitressaq mingħajr il-permess tal-qorti li tkun tat dik is-sentenza in parte ikun irritu u null. (App. Ċiv. 6.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Ivan Cutajar vs J. Lautier Co. Ltd.**).”*

18. Illi fil-fatt jirriżulta li s-soċjetà appellanta talbet permess tintavola l-appell tagħha mis-sentenza *in parte* wara li kien għadda t-terminu stabbilit fil-liġi, u wara li l-appell odjern kien diġà ippreżentat. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qegħda tqis li dan l-appell huwa irritu u null, u għalhekk tordna li l-atti għandhom jiġu rinvijati lit-Tribunal għall-kontinwazzjoni skont il-liġi.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi li l-appell odjern huwa irritu u null, u għalhekk tordna li l-atti għandhom jiġu rinvijati lura lit-Tribunal għall-kontinwazzjoni skont il-liġi.**

**L-ispejjeż ta’ dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**